MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tal-11 ta' April, 2003

Talba Numru. 523/2003

**Godwin Falzon f'ismu proprju u f'isem is-socjeta' HLB Falzon & Falzon**

**vs**

**Michael Muliett**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Marzu, 2003, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' tlett mija u hamsa u sittin lira Maltin (Lm365.00) rappresentanti bilanc ta' prezz ta' servizzi provduti mill-attur lill-konvenut kif ukoll l-ispejjes legali li nteffqu sad-data tal-Avviz sabiex is-sorte tigi mhallsa u dan oltre l-interessi fuq l-istess ammont sad-data tal-pagament effettiv u l-ispejjes tal-kawza.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Stephen Mifsud, in rappresentanza tal-attur, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta' tlett mija u hamsa u sittin lira Maltin (Lm365.00), bl-imghax mid-data tal-prrezentata tal-avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------